MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1358/2003

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Antonio Guiga**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Lulju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u sitta u ghoxrin lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm326.51) rapprezentanti danni minnu kagunati fuq cable tal-elettriku nhar id-19 ta' Awissu, 2002, gewwa l-Mellieha.**
**Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi izda baqa' nadempjenti.**
**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tal-15 ta' Mejju, 2003 bl-imghax legali dekoribbli mid-data tal-istess ittra u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-11 ta' Settembru, 2003 fejn intqal illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni attrici stante illi ghall-incident imsemmi fl-avviz huwa ma kellu ebda htija;**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Eric Montfort, Giovann Sultana, Ivan Castillo, Antonio Guiga, Andrew Caruana. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-Korporazzjoni attrici qed tfittex ghad-danni kagunati minn qtugh ta' cable tal-elettriku gewwa l-Mellieha fid-19 ta' Awissu, 2002.**
**2. Eric Montfort, principal mal-Korporazzjoni attrici, esebixxa invoice Dok.EM1 dwar il-quantum tad-danni subiti. Id-Dok.EM2 (Dok.GS1) esebit mill-istess jindika li l-hsara kienet kwazi hdejn il-kantuniera bejn Triq il-Kbira u Triq l-Etna.**
**3. Jirrizulta li Giovann Sultana, cable director mal-Korporazzjoni attrici, kien acceda ghal aktar minn darba fuq il-post qabel ma saru x-xogholijiet, u kien immarka fejn kien hemm cables ghaddejjin fuq in-naha li kien ser jahdem il-kuntrattur, u dana fil-post fejn indikalu li ser jahdem l-istess kuntrattur, il-konvenut odjern.**
**4. Sultana jikkonferma li hu mmarka mill-punt B sal-punt C fuq is-site plan Dok.GS1, u ma kien immarka bejn il-punt A u l-punt B fuq l-istess site plan, peress li skond l-istess xhud il-kuntrattur ma qallux li ser jahdem hemm. Fil-fatt il-hjsara grat proprju bejn il-punt A u l-punt B. Sultana jikkonferma li l-hsara grat fil-parti li ma kienetx immarkata. Gie nnutat li meta saru l-marki dawn indikaw il-massimu sa fejn seta jasal il-kuntrattur.**
**5. Mix-xhieda ta' Ivan Castillo jirrizulta li l-hsara fil-cable grat fi Triq il-Kbira hekk kif taqbez il-kantuniera**

**ma’ Triq l-Etna. Castillo jikkonferma li fejn grat il-hsara ma kienx immarkat peress li l-konvenut ma qalilhomx li ser jahdem hemm.**

**6. Skond il-konvenut, Sultana kien mmarkalu sal-punt X fid-Dok.GS3 fid-detailed cable route map Dok.GS3, u ma kienx hemm indikat cables.**

**7. Andrew Carauna, impjegat mal-Maltacom, li ghamel il-marki ghall-Maltacom meta saru x-xogholijiet imsemmija esebixxa il-pjanti Dok.X1 u X2, u spjega li hemm indikat bil-vjola fejn kienu ser isiru x-xogholijiet.**

**8. It-Tribunal qed jaghti hafna mportanza ghal dan l-ahhar xhud, li hu parti inidpendenti fil-kaz. Mix-xhieda tieghu jirrizulta li fil-fatt l-parti li fiha kellha tigi mmarkata bhala li fiha kien ser jahdem il-konvenut kienet tinkludi il-parti fejn grat il-hsara. Ghalhekk fic-cirkostanzi it-Tribunal hu tal-fehma li kien hemm nuqqas da parti tal-Korporazzjoni attrici peress illi ma mmarkatx dik il-parti fejn fil-fatt intlaqat il-cable. Gialadarba ma kienx hemm marki, ma tista’ tigi attribwita ebda htija lill-konvenut ghall-hsara li grat.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici ma tirrizultax pruvata, it-Tribunal qed jichad it-talba bl-ispejjez kontra l-istess Korporazzjoni attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------